MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2007

Numru. 1497/2007

**SPETTUR JOHANN J. FENECH**
**VS**
**ANTHONY GALEA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Anthony Galea bin Carmelo u Salvina nee' Mifsud, mwieled Zejtun fis- 17 ta' April 1963, residenti 28, Triq Michael Cachia, Zejtun u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 223763M;

Talli ;
1) Fit- 3 ta' Dicembru 2007 ghall-habta tal- 10.15am minn go Cassar Service Station iz- Zejtun, ikkommetta serq ta' flus li l-valur taghhom jeccedi Lm100 ghad-detriment ta' Roderick Cumbo liema serq aggravat bil-valur, bil- lok u x- xorta tal- haga misruqa;

2) Ukoll talli fl- istess data f’ dawn il- Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’ kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
3) Ukoll talli sar recidiv b’ diversi sentenzi tal- Qorti tal- Magistrati (Malta);

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 261, 267, 268, 270, 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah tmintax- il xahar (18) prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------